# L-Istorja Anonima

*Bi storja nifhmu dik il-ġabra ta' ġrajjiet minn żmien għal ieħor li ħallew warajhom, għal żmien twil jew qasir, xi effett fuq il-poplu; u nistgħu ngħidu li dawn il-ġrajjiet huma magħmulin minn nies tal-art stess, mhux bħala nies maqtugħin għalihom, imma bħala soċjetà. Jekk ħamsa minn nies jiftiehmu li jgħaddu tmint ijiem Marsalforn jitbaħbħu fil-baħar sbejjaħ ta' dik il-bajja jista' jkun li dawn in-nies ikunu għamlu daqsxejn ta' storja fil-ħajja tagħhom, storja mfakkra bl-itratti u bit-tifkiriet, imma din hija dejjem storja privata u qatt ma hi storja pubblika. Hekk ukoll jagħmlu stejjer privati, stejjer personali l-ġrajjiet fil-ħajja ta' awturi, suldati u nies oħra. Jekk, imma biex nati eżempju ieħor, dawn il-ħamsa minn nies jiftiehmu li jbiddlu l-liġi tal-pajjiż, ngħidu aħna, liġijiet dwar taqsim tal-proprjeta privata, dwar riformi fil-ħabs, dwar ftehim ma' pajjiżi, oħra, u jaslu — dawn ikunu ghamlu storja pubblika. Għaliex? Għax l-effett ta' għamilhom ma jibqax magħluq fil-ħajja privata tagħhom bħax-xalata Marsalforn, imma jolqot il-pajjiż kollu. Mela l-istorja nistgħu nqisuha l-effett ta' nies li għamilhom ġab tibdil għat-tajjeb jew għall-ħażin fit-tmexxija jew fil-ħajja tal-pajjiż. U nies bħal dawn huma nies storiċi. Karl Marx kien mhux biss bniedem studjuż li qatta' xi żmien jaħdem it-teoriji tiegħu fil-British Museum, imma kien ukoll bniedem storiku għax it-teoriji tiegħu qallbu d-dinja ta' taħt fuq. Lenin fir-Russja u Robespierre fi Franza, kienu nies storiċi għax għamilhom*

*ġab tibdil fit-tmexxija u l-ideat politiċi tal-pajjiż. Dawn kienu aktar minn studjużi, nies li ħaddmu l-ideat ta' awturi rivoluzzjonarji, Lenin ta' Karl Marx li għadna kemm semmejna u Robespierre ta' Rousseau, l-awtur tal-kuntratt Soċjali. Dawn u oħrajn sħabhom huma figuri storiċi — nies li rabtu isimhom ma' ġrajjiet tal-istorja tad-dinja.*

*Biex tkun storiku f'dan is-sens ma hemmx għalfejn bniedem ikun politiku jew suldat jew filosofu; jista' jkun, ngħidu aħna, patri, qassis, soru, bniedem tax-xogħol. Kulma jeħtieġ biex bniedem jitla' għall-importanza ta' figura storika huwa li għamilu jmiss is-soċjetà ta' żmienu u li għal xi snin ta' wrajh minnu joħroġ tibdil fil-ħsieb jew għamil ta' ħaddieħor. Dawk li jwaqqfu kunventi jew ordnijet reliġjużi bħal San Franġisk, San Duminku, San Alfonsu dei Liguori, Santa Tereża d'Avila u ħafna oħrajn huma figuri storiċi li l-effett ta' għamilhom għadu jinħass. Tabilħaqq l-effett fuq l-ideat li nies bħal dawn iħallu warajhom, għax huma mibnijin fuq tqanqil il-qalb għal ħajja aħjar, għall-għaqda ma' Alla, jiswa f'kollox għaż-żmien wisq aktar minn għamil ta' nies bħal Hitler u Napuljun għalkemm dawn sakemm idumu ħajjin, jgħammxu għajnejn in-nies hekk bl-ikreh li bilkemm ma jibdewx iqisuhom bħalkieku kienu xi allat ta' din id-dinja. Imma fejnu Hitler illum? Leħnu jgħajjat fil-ħerba tal-Ġermanja, fil-qlub li għadhom iqimuh u fil-*Mein Kampf; *imma dawn biż-żmien jintfew għalkemm tifkira tiegħu tibqa' fil-paġni tal-kotba tal-Istorja. Imma fejn hi l-Knisja li huwa ħabat għaliha bl-għodda tad-propaganda u jassar fil-Ġermanja? Fejn kienet — qisu ma ġara xejn. Il-knisja w il-Papa huma t-tnejn figuri storiċi, imma tal-aħħar, għax jirrapreżenta ideat aktar umani, huwa aktar sħiħ fit-tmexxija tad-dinja.*

*Li kieku kellna niktbu storja ta' Malta u nħallu barra ġrajjiet ta' importanza żgħira u nagħżlu n-nies li minn seklu għal ieħor nisġu l-ġrajjiet Maltin lil min konna nsemmu bħala l-bennejja tal-Istorja ta' Malta?*

*Qabel insemmu xi figuri storiċi fl-istorja tagħna, jaqbel infehimkom li l-istorja tinbena mhux biss minn bniedem waħdu jew bnedmin magħrufin bl-isem imma tinbena wkoll minn għaqda ta' nies bla isem — dawn l-anonimi huma n-nies, biex ngħid hekk, li għall-ewwel darba inventaw il-moħriet, tgħallmu jiżirgħu l-qamħ, jagħġnuh, jibnu d-djar. Ġib quddiem għajnejk dinja mingħajr xogħol tal-għalqa, żrigħ, u tħin ta' qamħ u għaġin ta' dqiq, u tara x'importanza għandhom dawn il-kixfiet fil-ġrajja taċ-ċiviltà tad-dinja. Issa ilu daqshekk żmien li saru dawn il-kixfiet li aħna qatt ma ser naslu biex inkunu nafu liema bniedem jew bnedmin għallmu kif jista' joħroġ in-nar miż-*

*żnied, id-dqiq mill-qamħ misħuq jew mitħun u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Imma xorta waħda dawn l-anonimi huma l-bennejja tal-istorja tal-bniedem. Dawn l-anonimi jirrappreżentaw ħafna drabi l-forzi tal-istess natura li minnha nfisha timbotta l-bniedem għall-kixfiet li jgħinuh igħix f'din id-dinja.*

*F'pajjiż bħal Malta, jiġifieri pajjiż maħkum, għandek issib li x-xoqqa tal-ġrajjiet toħroġ minn newl imħaddem minn nies diversi — jiġifieri mill-maħkum u mill-ħakkiem. Xoqqa tassew imżewqa hija l-istorja ta' Malta.*

*Nibdew mela nimirħu fl-istorja tagħna, nfittxu nies u movimenti li kellhom effett fuq iż-żminijiet tagħhom u ftit jew wisq fuq iż-żmenijiet ta' warajhom. U nibdew mill-Maltin tal-bikri, qabel ma l-istorja bdiet tinkiteb.—iż-żmien Neolitiku. Hawnhekk ma nistgħux nistennew ismijiet ta' nies kbar, nies storiċi, imma flok ismijiet għandna l-frott ta' moviment uman li laħaq grad ta' ċivilta hekk għoli li ma satax ma ħalliex fuq żmienu u għal xi żmien warajh effett fuq il-moħħ wil-qalb wittmexxija ta' nies oħra. Illum nafu min ippjanta l-knejjes tagħna; nafu kif kien ippjantat u nbena San Pietru ta' Ruma; imma fuq it-tempji megalitiċi ma nafux ħlief li huma espressjoni ta' reliġjon li minn kburithom nistgħu ngħidu li bil-fors kellha saħħa kbira fuq il-poplu. Dawn l-imqades, u mill-aqwa fosthom Ħalsaflieni, dak il-maqdes taħt l-art tal-għaġeb, jixhdu żmien storiku tal-akbar importanza f'dawn il-gżejjer. Il-poplu Neolitku kollu kemm hu, bħala soċjetà, kien poplu ħaj, storiku, bħalma kien ħaj u storiku l-poplu Grieg ta' żmien il-klassiċi.*

*Wara l-poplu l-aktar bikri ġew f'Malta l-Feniċi, nies li, kif ħallielna miktub l-istoriku Diodorus Siculus kienu "għonja ħafna: ta' kull sengħa; jinqalgħu l-aktar għall-insiġ magħruf għar-reqqa tiegħu u rtuba; u djarhom sbieħ".*

*Fdal ta' importanza lingwistika hija l-iskrizzjoni Feniċja li sibna Marsaxlokk, u mal-Feniċi nistgħu ndaħħlu l-Kartaġiniżi qraba tagħhom li ħakmu 'l Malta warajhom. Li kellna nistmaw l-importanza storika ta' dan il-poplu mill-fdal li ħallewlna kieku kien ikollna ngħidu li storikament kienu wisq anqas importanti minn-Neolitiċi li l-imqades tagħhom għadek tista' tarahom fil-pjanta tagħhom. Imma min jaf jekk is-sengħa tal-Maltin, li fl-irħula għadha sa żmienna, għall-insiġ u xogħol tal-ġebla għadhiex ġejja minn żmien il-Feniċi wil-Kartaġiniżi? Aktarx li hu hekk; aktarx li hu żmien dan il-poplu li daħal hawn Malta għerf il-ġebla u nsiġ ix-xoqqa. U jekk inhu hekk, kien hemm tajfa ta' nies storiċi li bl-għerf li ġiebu magħhom minn barra qalbu l-ħajja Maltija billi qegħduha fit-triq tal-progress. Imma bħal fi żmien in-Neolitiċi l-fatturi storiċi għadhom forzi umani anonimi.*

*Dawn in-nies storiċi, barra fl-insiġ wil-bini, ma ħallew l-ebda tifkira oħra warajhom? Kittieba bħal De Soldanis u Vassalli ħasbu li ħallew fdal fil-Malti. Mill-istudji tiegħi nista' ngħid li fil-Malti tal-lum ma baqa' xejn li tista' ssejjaħlu Feniċju jew Kartaġiniż biss, imma mbagħad fil-Malti għandna għadd ta' kliem Semitiku li ma ssibux fil-Għarbi klassiku jew djalettali. Tgħid dana għadu fdal lingwistiku mbiddel fonetikament, tal-Feniċju jew Kartaġiniż jonkella huwa kliem li ħolquh il-Maltin ta' wara l-Għarab? Għad irridu nfittxu u nqabblu wisq iżjed biex nistgħu nwieġbu sewwa.*

*Fi żmien il-Griegi, jekk qatt ġew, u fi żmien ir-Rumani wkoll, ma nsibu l-ebda isem ta' Malti li għamel l-istorja. Bħal qabel għandna moviment Ruman forsi megħjun minn element anonimu Malti. Fi żmien ir-Rumani l-akbar forza storika ġietna minn Cilicia fl-Asja Minuri. Qed ngħid għal San Pawl, wieħed mil-Lhud tad-Dijaspora li t-tagħlim li daħħal hawn Malta għadu qawwi fostna qisu daħal il-bieraħ. San Pawl kien bniedem ta' persunalita fenomenali għaliex it-tagħlim li xerred hu għadu mxerred tista' tgħid kull fejn rifes. Quddiemu tintefa bħal musbieħ quddiem ix-xemx il-persunalità ta' figuri storiċi bħal Napuljun u d-dittaturi ta' żmienu.*

*Fi żmien ir-Rumani l-forzi storiċi Maltin kienu bħal qabel mhux individwi imma forzi anonimi. U l-istess nistgħu ngħidu għall-Maltin taħt il-Għarab win-Normanni. Il-Maltin hawnhekk ukoll huma forza anonima mtaħħta għall-ħakkiema barranin.*

*Forza storika Maltija anonima nsibuha taħdem b'saħħa kbira għall-ħelsien mill-moħqrija fi żmien ir-Re ta' Spanja Alfonsu V* (1416-1458) *li biex ikollu flus ħalli jħares ix-xtut ta' Sqallija mill-Ġenovisi, ta lil Malta b'rahan lil Cardona u wara dan lil Monroy li kien wisq agħar minn ta' qablu. Il-Maltin imxebbgħin qamu għall-barrani, ħabtu għalih u wara ħafna twegħir qalgħu l-ħelsien tal-Gżejjer mis-sid fewdatarju. Hawnhekk jissemmew xi ismijiet ta' nies li ħadu sehem fil-ħelsien bħala ambaxxaturi tal-Maltin quddiem is-sultan ta' Spanja imma s-saħħa tal-ġrajja, il-piż tal-istorja jaqa' fuq il-poplu kollu magħqud kontra l-għadu barrani. Wil-poplu baqa' dejjem forza anonima tul il-ħakmiet li ġew wara. Fost dawn il-ħakmiet l-aktar li qallbet il-ħajja Maltija hija dik tal-Ordni ta' San Ġwann. Ħafna mill-Granmastri tista' ssemmihom b'isimhom għal riformi jew għamil progressiv u, jekk trid, għamil regressiv li laqat ħafna lill-poplu Malti li baqa' dejjem forza anonima, għax l-individwu li kien igħolli leħnu kontra s-setgħa kien jaħbat ħażin.*